MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Lulju, 2010

Numru 560/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca)**

**vs**

**JONATHAN CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Jonathan Caruana, 22 sena, iben Mario u Maria Dolores nee’ Schembri, imwieled Pieta, nhar id-9 ta’ Novembru, 1987 u li joqghod nru. 40 Mayflower, Triq G. Grech Delicata, Ta’ Paris, Birkirkara, detentur ta’ karta ta’ l-identita bin-numru 504287M.

Akkuzat talli: bejn Lulju u Novembru 2009, f'dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' diversi oggetti, konsistenti f'apparat ta' sistemi tas-CCTVs, u oggetti ohra ancillari, liema serq huwa aggravat bil-valur, li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha w ghoxrin Euro u sebgha w tletin centezmu (€2329.37) u bil-persuna, u li sar ghad-detriment ta' l-istabbiliment Alarm Tech u/jew ta' persuna/i u/jew entitajiet ohra.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Innutat li fl-ezami tieghu l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li parti mir-rifurtiva tinsab f'idejn il-Puliizja.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-imputat iddikjara li qieghed jobbliga ruhu li fi zmien sitt (6) xhur millum ihallas lil parte civile Raymond Agius ghall-istabbiliment Alarm Tech is-somma ta' Ewro 2500 rappresentanti l-ammont dovut rigwardanti dan il-kaz lill-parte civile Raymond Agius ghall-istabbiliment Alarm Tech u inoltre iddikjara li l-cable formanti parti mir-rifurtiva li jinsab fil-pussess tal-Pulizija ghandu jkun ritornat immedjatament lill-istess parte civile Raymond Agius ghall- istabbiliment Alarm Tech.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum il-parte civile Raymond Agius ghall-istabbiliment Alarm Tech iddikjara li qieghed jaccetta illi l-ammont dovut lilu ghall-istabbiliment Alarm Tech rigwardanti dan il-kaz mill-imputat hu ta' Ewro 2500 oltre li jinghata lura il-cable formanti parti mir-rifurtiva li jinsab fil-pussess tal-Pulizija u inoltre iddikjara li qieghed

jaccetta li l-hlas ta’ Ewro 2500 lilu ghall-istabbiliment Alarm Tech mill-imputat isir fi zmien sitt (6) xhur millum.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li, tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat, li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, li l-imputat ikkopera mal-Pulizija u li l-imputat ghandu xoghol stabbilit, f’dan il-kaz ma tkunx idonea piena karcerarja.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum Dr Andy Ellul ghall-imputat aderixxa ghal dak hawn fuq dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 261(c) u (d), 267, 268, 279(b) u 280(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat Jonathan Caruana, fuq ammissjoni, hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-Proceduri, il-fedina penali netta tal-imputat, dak dikjarat mill-imputat fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, dak dikjarat mill-parte civile Raymond Agius ghall-istabbiliment Alarm Tech fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat qabel f’din is-Sentenza u dak dikjarat mill-Ufficjal Prosekutur fil-Verbal tas-Seduta tallum kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tillibera lill-imputat Jonathan Caruana taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum.

Inoltre il-Qorti qed taghti lill-imputat Jonathan Caruana l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, a tenur tal-artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna li kopja ta’ din is-Sentenza u l-atti kollha ta’ dan il-procediment jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------